**Minuti tal-Wieħed u Tlettin il- Laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar l-Erbgħa, 16 t' Settembru 2009 fis-7:30 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Charles Said | Viċi Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Jonathan Buttigieg | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Dr. Rita Mifsud informat lis-Sindku li ma setgħatx tattendi

----------------------------------------------------------------------------------------------------

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-laqgħat numru 30 tas-Sitt Kunsill Lokali ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċċjali.

3. **Korrispondenza.**

(2301) Ittra mill-MTA dwar il Wine Festival
(2302) Ittra mill-avvukati Grech & Grech Associates dwar xogholijiet fi Triq il-Kapillan
(2303) Email u ittra mill-MEPA dwar shifting of building alignment fi Triq Piju Cellini
(2304) Kwotazzjonijiet għad-dawl fil Wine Festival 2009
(2305) Email mill-OPM dwar Skema Lokalitajiet bi Bzonnijiet Specjali 2009
(2306) Email mingħand Ann-Christin Ladwig & Jugen Tanti biex issir tiieg fit-Torri ta' Sopu
(2307) Memo 49/2009
(2308) Email mingħand in-National Immunisation Service dwar Influenza Vaccine
(2309) Memo 48 – Fondi Speċjali
(2310) Email mill-Uffiċċjut al-President dwar zjara minn Grupp ta' Nadurin fit-12 ta' Novembru

4. **Torri Sopu.** Il-Kunsill irċieva email mingħand il-Vodafone dwar l-installazzjoni ta' apparat fit-Torri Sopu. Dan l-apparat jikkonsisti minn antennae u solar panels u ser jitpoġġa fit-torri ġewwa kif ukoll fuq il-bejt. Il-Kunsill joġġezzjona li jitwaħħal apparat fuq it-Torri u diġa nforma lil Din L-Art Ħelwa kif ukoll lil Vodafone dwar dan. Gie deċiż li l-Kunsill jibgħat ittra lid-Dipartiment ta' l-artijiet peress li t-Torri huwa tagħhom.

5. **Memo 46/2009 Ftuħ ta' l-uffiċċju nhar ta' Sibt.** Il-Kunsill talab lill-impjegati tal-Kunsill sabiex jinformaw lill-Kunsill bil-miktub hux ser jaħdmu s-Sibtijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li hi lesta li taqsam dan ix-xogħol mal-iskrivana peress li l-iskrivana qeda tagħmel kors l-universita liema korsijiet ikunu is-Sibt filgħodu. Hi talbet li l-iskrivana taħdem is-Sibtijiet li ma jkollhiex lectures. L-iskrivana informat lill-Kunsill bil-miktub li hi mhux disponibbli li taħdem is-Sibtijiet peress li qegħda tagħmel kors l-

Universita. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilta li joħroġ call for applications li għandhom jinkludu esperjenza f'kunsill jew bħala skrivana. Jonathan Buttigieg talab sabiex il-Kunsill jerġa javviċina lill-iskrivana sabiex taqsam dan ix-xogħol mas-Segretarju Eżekuttiv.

6. **ADT** Il-Kunsill ġie mitlub minn resident ta' Triq Dun Bernard Haber sabiex jsiru sinjali sofor faċċata tal-garaxx peress li din it-triq hija dejqa. Il-Kunsill għandu jitlob lill-ADT permess. Il-Kunsill ġie informat li fi Triq Grunju kantuniera ma Triq l-Emigranti hemm xi persuni li qegħdin jipparkjaw il-karrozzi mhux mal-bankina iżda il-barra u dan qed ikun ta' periklu. Dan il-persuni huma nies li jikru l-farmhouse u għalhekk ma nafux min huma. Il-Kunsill għandu jitlob parir minn l-ADT dwar dan.

7. **Triq il-Kappillan.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Av. Georgine Grech f'isem Gozo Consolidated Buildign Contractors Ltd. dwar xogħlijiet li saru fi Triq il-Kappillan. Il-Kunsill m'għamel l-ebda xogħol f'din it-triq u għandha tintbagħat risposta hekk.

8. **Triq Piju Cellini.** Il-Kunsill irċieva notifika mingħand il-MEPA dwar road realignment fir Triq Piju Cellini kantuniera ma' Triq il-Knisja. Il-Kunsilliera preżenti qablu li m'hemmx bżonn ta' realignment f'din it-triq.

9. **Devoluzzjoni.** Maria Natoli ssuġġeriet li l-Kunsill jitlob devoluzzjoni ta' l-arja ta' fuq is-sala ta' l-iskola primarja tan-Nadur. Is-Segretarja nformatha li l-Kunsill diġa talab għad-devoluzzjoni ta' biċċa art fi Triq Bingemma u jista jsir applikazzjoni waħda biss.

10. **Torri Sopu.** Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir tieġ fit-Torri ta' Sopu nhar it-12 ta' Gunju 2010. Talbu wkoll li dan it-tieġ jiġi ċċelebrat mis-Sindku Miriam Portelli. F'dan il-jum it-Torri irrid jkun miftuh għall-pubbliku. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan.

11. **Kont Pendenti.** Il-Kunsill reġa ġie avviċinat minn Georgette Muscat dwar kont pendenti ta' €547. Dan il-kont jidher li kien hemm involut Daniele Fantechi li dakinhar (2006) kien konsulent mal-Kunsill tan-Nadur. Jidher ukoll li kien hemm involut il-kumpanija Gozitana. Is-Sindku għandha tkellem lid-direttur Joseph Grech dwar dan. Jonathan Buttigieg ma qabilx li l-Kunsill għandu jħallas dan il-kont u insista li ssir kjarifikazzjoni ta' dan il-kont.

12. **Barriera.** Il-perit Robert Grech bagħat ittra fejn talab ħlas tax-xogħol li sar fuq il-pjanti u applikazzjoni tal-barriera. Hu talab kompens ta' xogħol bħala perit ta' €58,000 għal dan ix-xogħol. Il-Kunsilliera iddeċidew li dan jerġa jiġi diskuss meta jkunu preżenti l-kunsilliera kollha.

13. **Kuntratt ta' Ġbir ta' Skart.** Is-Sindku nformat lill-Kunsill li ser issir laqgħa mas-Sindku u Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsilli Qala u Għajnsielem dwar il-possibilita li noħorġu offerta waħda għall-kuntratt ta' ġbir ta' skart.

14. **Xogħol fit-Toroq.** Maria Natoli staqsiet għaliex it-tieni kisja ta' tarmac ma ngħatatx fi Triq il-Knisja. Se tintbagħat ittra lill-Gvern Centrali dwar dan. Talbet ukoll li tintbagħt ittri dwar it-Triq it-Torri Sopu u Triq it-Torri ta' Kenuna għaliex dawn it-triq qegħdin f'periklu li jċedu.

15. **Wine Festival.** L-attivita' tal-Wine Festival kienet tajba. Kien hemm konkurrenza tajba. Maria Natoli ġibdet l-attenzjoni li Deborah C ma kantatx iżda kien hemm minn informuha li din tħallset xorta waħda. Is-Segretarja nformata li ma sar l-ebda ħlas lill-kantanti lokali hlief lil Renato u Fredu Portelli. Il-Kantanti lokali ngħataw biss ħlas tat-trasport (dawk li ġew minn Malta) u biljetti ta' l-ikel lil dawk minn Għawdex. Deborah C ma kantatx għaliex ġiet tard u Steve Cole ma ħallihiex titla' peress li ma kienitx fil-ħin. Is-Sindku spejgat kif minkejja dan Deborah xorta ngħatat żewġ biljetti ta' l-ikel.

16. **MUSEUM Subien Nadur.** Kienu preżenti s-superjur Anton Mercieca u Mark Azzopardi. Huma nformaw lill-Kunsill li din is-sena mhux ser issir il-kunċert tas-soltu fil-Milied iżda ser jittellgħa il-play Scrooge fit-Teatru MBC. Fil-Milied ser ikun hemm programm fil-knisja wkoll iżda mhux bis-sehem ta' Antoine Theuma peress li dan għandu mpenji oħra. Is-Superjur informa lil-Kunsill li t-Turf artifiċjali li kien sar mill-Kunsill fil-grawnd tal-futball g'għadux tajjeb u wasal biex jinbidel. Huma qalu li biex jinbidel hemm spiża ta; €18000 u diġa qegħdin jaħdmu sabiex jiġbru fondi għal dan il-għan. Iżda huma talbu għajnuna finanzjarja mill-Kunsill ukoll. Il-Kunsill ġie mitlub iħallas parti mill-ispiża fuq tlett snin li jammonta għal €9000 (€3000 fis-sena). Il-Kunsilliera qablu li dan l-għajnuna għandu jsir għaliex dan ikun għat-tfal tan-Nadur.

17. **Premju Lokalitajiet Indaf.** Bħala parti minn din l-inizjattiva l-Kunsill qed jorganizza diversi attivitajiet sabiex jolqot lir-residenti tan-Nadur. L-ewwel attivita hija ħarġa għall-anzjani għal Civic Amenities Site fix-Xewkija. Fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru ser isiru diversi attivitajiet għar-residenti tan-Nadur.

18. **Jum il-Kunsill.** Għandhom joħorġu l-applikazzjonijiet għal Premju Ġieħ in-Nadur. Bħala parti mill-attivitajiet għal Jum il-Kunsill ġew issuġġeruti: Blood Donation fil-Kunsill, quddiesa nhar il-Ħadd 22 ta' Novembru u serata/wirja ta' Talent Nadur. Għandha ssir laqgħa tas-Sotto Kumitat biex jiġu diskussi f'aktar detal dawn l-idejat.

19. **Karnival 2010.** Il-Kunsill għandu jitlob laqgħa mal-pulizija sabiex jiġi diskuss il-Karnival spontanju. Il-Kunsilliera qablu li l-Karnival organizzat għandu jsir il-Ħadd u mhux matul il-ġimgħa. Għad irrid jiġi deċiż hux ser issir Ħadd ta' qabel il-Karnival jew nhar il-Karnival. Ser issir laqgħa mal-parteċipanti sabiex naraw l-opinjonijiet tagħhom.

20. **Sports.** Il-Kunsill irċieva talba mingħand erba' żgħażagħ sabiex jiġi organizzat tim tal-basketball.

21. **Affarijiet Oħra.** Charles Said, il-Vici Sindku għandu jieħu ħsieb jiġbor kwotazzjoni għall-arblu ġdid tal-Pjazza. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li rċievet ilmenti dwar il-bins ta' ġol-pjazza għaliex qed ikollhom riħa. Hi staqsiet għandhomx jitneħħew xi whud minnhom. Il-Kunsilliera ma qablux li jitneħħew. Maria Natoli talbet sabiex issir żbir ta' siġar fil-kantuniera ta' Triq tad-Duru ma Triq San Kurunatu. Maria Natoli talbet ukoll li jitkomplew is-sinjali sofor fi Triq tad-Duru kantuniera ma Triq San Kurunato. Għandha ssir rampa ta' Coronatu Cardona. Jonathan Buttigieg reġa fakkar li kellu jitkompla l-passaġġ tal-Gebel l-Aħmar. Għandha ssir mera fi Triq San Blas kantuniera ma Triq il-Qortin. Avviċinaw xi persuni lis-Sindku dwar is-sleeping policeman fi Triq San Gwann peress li qed jgħaddu ħafna karozzi isuqu. Il-Kunsill pero għadu ma ittieħded l-ebda deċiżjoni dwar dan.

19. **Kontijiet.** Kontijiet li ġew approvati:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8906 | Miriam Portelli | 324.98 | Allowance |
| 8907 | Rita Mifsud Attard | 1379.68 | Salary |
| 8908 | Sue Ellen Bugeja | 931.21 | salary |
| 8909 | CIR | 1028.20 | August |
| 8910 | Gozo Channel Co. Ltd. | 125.48 | Wine Festival |
| 8911 | Renato Micallef | 200.00 | Wine Festival |
| 8912 | Nadur Local Council | 115.22 | petty Cash |
| 8913 | Ghaqda Armar Triq Dic. 13 | 200.00 | refund Wine Festival |
| 8914 | Midsea Books Ltd. | 98.35 | books for library |
| 8915 | Gozo Creations | 271.40 | directional signs |
| 8916 | JCR Ltd | 252.94 | paving material |
| 8917 | Carmel Camilleri | 224.74 | sweeping & playing field Aug |
| 8918 | Waste Serve Ltd. | 296.59 | bring in sites |
| 8919 | Karen Sultana | 99.47 | publi c convenience August |
| 8920 | Go Plc | 134.60 | phone & fax line |
| 8921 | Saviour Meilak | 113.05 | public convenience august |
| 8922 | Mr. Signs | 300.00 | signs |
| 8923 | Josephine Sammut | 280.00 | 2 courses |
| 8924 | Alfred Portelli | 70.00 | wine festival |
| 8925 | Mary Attard | 50.31 | August Library |
| 8926 | Guard & Warden | 225.44 | Wine Festival |
| 8927 | Commissioner of Police | 121.71 | wine Festival |
| 8928 | Saviour Xiberras | 1340.84 | handyman sweeping& soft areas |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8929 | John Ivan Xuereb | 768.29 | August sweeping & attendent |
| 8930 | Gerald Attard | 61.15 | wine Festival |
| 8931 | Peter Paul Buttigieg | 93.00 | internet updating July & Aug |
| 8932 | P&J Debono Cons. Ltd. | 358.15 | cement works |
| 8933 | Joseph Cauchi | 223.00 | Parks & Public convenienc |
| 8934 | KIP Ghawdex Ltd. | 2380.64 | refuse collection |
| 8935 | Galea Curmi Eng. Cons. | 96.62 | street lighting con manager |
| 8936 | Guillaumier Ltd. | 47.71 | traffic mirror |
| 8937 | Game Box | 102.01 | monopoly games |
| 8938 | Joe Mifsud | 132.78 | July & Aug Gnien San Blas |
| 8939 | Maryann Cauchi | 547.50 | rent |
| 8940 | Joseph Camilleri | 30.00 | Wirja Agrarja vouchers |
| 8941 | Bernandy Supermarkt | 50.00 | Wirja Agrarja vouchers |
| 8942 | Pjazzetta Hardware | 10.00 | Wirja Agrarja vouchers |
| 8943 | Gatt Tarmac Ltd. | 509.19 | patching material |
| 8944 | Office Club | 90.00 | toner & binding |
| 8945 | Galea Curmi Eng. Cons. | 220.31 | con manager resurfacing works |
| 8946 | Gatt Tarmac Ltd. | 4185.81 | resurfacing works Church St |
| 8947 | VOID | | |
| 8948 | Smart Office Supplies | 4.69 | toner |
| 9849 | Sunrise Pet & Garden Centre | 80.75 | plants for Pjazza |
| 8950 | void | void | |
| 8951 | void | | |
| 8952 | Maria Assunta Attard | 77.00 | refund of Child Day Care Centre |
| 8953 | Amanda M. Camilleri | 460.68 | Child Day care facilitator |
| 8954 | Mary Grace Mercieca | 157.14 | Child Day Care instructor |
| 8955 | Carmela Mifsud | 174.60 | Child Day Care instructor |
| 8956 | Mary Attard | 209.52 | Child Day Care instructor |
| 8957 | Ines Buttigieg | 226.98 | Child Day Care instructor |
| 8958 | Seymour Bartolo | 25.00 | distribution of flyers |
| | **Total** | **19506.73** | |

Il-laqgħa ntemmet fid-22:00.



**Miriam Portelli, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**